Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Frar 2024
(OR. en)

6618/24

SOC 107
EMPL 60

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema<br>Ħatra tas-Sa Catherine MURPHY, membru għall-Irlanda, minflok is-Sur Thomas LEWIS, li rriżenja |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Thomas LEWIS bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Irlanda).

2. Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Irlanda nnomina lill-kandidat li ġej għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2024[1]:

Is-Sa Catherine MURPHY
Higher Executive Officer
EU & International Section
Department of Social Protection
Áras Mhic Dhiarmada

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill :

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

1 ĠU C 393, 13.10.2022, p. 5.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni[2], u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu.

Billi:

(1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-20 ta' Settembru 2022[3], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perjodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2024.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Thomas LEWIS, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

(3) Il-gvern tal-Irlanda ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[2] ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.
[3] ĠU C 393, 13.10.2022, p. 5.

Artikolu 1

Is-Sa Catherine MURPHY hija b'dan maħtura membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema, minflok is-Sur Thomas LEWIS, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President